Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Wara l-vaċċinazzjoni tiegħek Spikevax (Moderna) COVID-19

Aġġornat l-aħħar: 2 ta’ Settembru 2021

## Dwar il-vaċċin

Ilum irċevejt il-**vaċċin Spikevax** (**Moderna)**.

Dan il-vaċċin jista' jipprevjeni persuni milli jimirdu mill-COVID-19. Il-vaċċin Moderna COVID-19 ma fihx kwalunkwe vajrus ħaj, u ma jistax jagħtik il-COVID-19. Fih kodiċi ġenetika għall-parti importanti tas-SARS-CoV-2 vajrus magħruf bħala l-proteina spajk. Wara li tieħu l-vaċċin, ġismek jagħmel kopji tal-proteina spajk. Is-sistema immuna tiegħek imbagħad titgħallem tagħraf u tiġġieled kontra l-vajrus SARS-CoV-2. Il-kodiċi ġenetika titfarrak malajr mill-ġisem.

## X’għandek tistenna wara l-vaċċinazzjoni

Bħal kwalunkwe vaċċin, int jista' jkollok xi effetti sekondarji wara li tirċievi l-vaċċin COVID-19.

Effetti sekondarji **komuni** wara l-**Moderna** jinkludu:

- uġigħ fis-sit tal-injezzjoni
- għejja
- uġigħ ta’ ras
- uġigħ fil-muskoli
- deni u bard
- uġigħ fil-ġogi.

Effetti sekondarji **inqas komuni** wara **l-Moderna** jinkludu:

- ħmura jew nefħa fis-sit tal-injezzjoni
- nefħa jew uġigħ fl-abt
- dardir/remettar
- nodi limfatiċi mkabbra.

Dawn l-effetti sekondarji huma normalment ħfief u normalment jgħaddu fi żmien jumejn jew tlett ijiem. Xi persuni jħossu sintomi aktar sinifikanti bħal tal-influwenza minn din il-vaċċinazzjoni meta mqabbla ma' vaċċinazzjonijijiet komuni oħra u jista' jkollok tqatta' ż-żmien 'il bogħod minn attivitajiet normali. Dawn is-sintomi għandhom mnejn jirriżultaw wara wieħed minn dawk id-dożi imma huma aktar komuni wara t-tieni doża.

Jekk tħoss uġigħ fis-sit tal-injezzjoni jew deni, uġigħ ta' ras jew uġigħ f'ġismek wara l-vaċċinazzjoni, int tista' tieħu paracetamol jew ibuprofen. Dawn jgħinu fit-tnaqqis ta' xi wħud mis-sintomi ta' hawn fuq. M'għandex bżonn tieħu paracetamol jew ibuprofen qabel il-vaċċinazzjoni. Jekk ikun hemm xi nefħa fis-sit tal-injezzjoni, int tista' tuża kompress kiesaħ.

Ġew irrappurtati effetti sekondarji **rari** wara **l-Moderna** li huma:

- Reazzjoni severa allerġika (anafilassi).
- Mijokardite (infjamazzjoni tal-muskolu tal-qalb) u perikardite (infjamazzjoni tal-kisja ta' barra tal-qalb). Il-biċċa l-kbira tal-każi rrappurtati kienu ħfief u rkupraw malajr, għalkemm osservazzjoni għal tul itwal ta' żmien ta' dawn il-każi għadu għaddej. Il-każi kienu jseħħu prinċipalment wara t-tieni doża u prinċipalment f'persuni aktar żgħażagħ maskili (inqas minn 30 sena).

Għandek tfittex għajnuna medika wara l-vaċċinazzjoni jekk:

- Taħseb li qed ikollok reazzjoni allerġika. Ċempel 000 jekk tħoss sintomi severi, bħal issibha bi tqila biex tieħu n-nifs, tħarħir, qalbek tħabbat ħafna jew kolass
- Ikollok uġigħ fis-sider, pressjoni jew skomfort, taħbit irregolari tal-qalb, taħbit imqabbeż, jew ritmu mhux normali tal-qalb, tintilef minn sensik, qtugħ ta' nifs jew uġigħ meta tieħu n-nifs
- Int inkwetat/a dwar xi effetti sekondarju potenzjali jew għandek sintomi ġodda jew mhux mistennija
- Għandek effett sekondarju mistenni tal-vaċċin li m'għaddhiex wara ftit ġranet.

Għal sintomi li mhumiex urġenti, tista' tara lill-provveditur regolari tal-kura tas-saħħa (normalment it-tabib tiegħek tal-familja).

## Monitoraġġ tas-sigurtà tal-vaċċin u rappurtaġġ tal-effetti sekondarji

Tista' tirrapporta effetti sekondarji ssusspettati lill-provveditur tiegħek tal-vaċċinazzjoni jew lil professjonist ieħor tal-kura tas-saħħa. Huma mbagħad ser jagħmlu rapport formali għan-nom nom tiegħek lid-dipartiment tas-saħħa tal-istat jew tat-territorju tiegħek jew direttament lill-Amministrazzjoni tal-Prodotti Terapewtiċi (TGA).

Jekk tippreferi tirrapportaha int stess, jekk jogħġbok żur il-paġna tal-web magħrufa bħala reporting suspected side effects associated with a COVID-19 vaccine webpage fuq is-sit tat-TGA u segwi l-istruzzjonijiet fuq il-paġna.

## L-ittestjar tal-COVID-19 wara l-vaċċinazzjoni

Xi effetti sekondarji tal-vaċċinazzjoni COVID-19 għandhom mnejn ikunu jixbhu s-sintomi tal-COVID-19 (pereżempju deni). Madankollu, Moderna ma fihiex l-ebda vajrus ħaj u ma tistax tikkawża l-COVID-19. Għandek mnejn ikollok bżonn tagħmel it-test tal-COVID-19 jew tiżola ruħek:

- Jekk tiżviluppa sintomi ġenerali bħal deni, uġigħ ta' ras jew għejja fl-ewwel jumejn wara l-vaċċinazzjoni, u
- Jekk int żgur/a li m'għandekx kwalunkwe sintomi respiratorji (pereżempju imnieħer inixxi, sogħla, uġigħ fil-griżmejn, telf tax-xamm jew tat-togħma).

Madankollu, int għandek tiċċekkja il-linjigwidi kurrenti tal-istat/territorju tiegħek għall-aktar tagħrif aġġornat. Dan il-parir jista' jinbidel f'każ ta' imxija COVID-19 fiż-żona lokali tiegħek. Xorta waħda għandek mnejn ikollok bżonn tagħmel test COVID-19 jekk tissodisfa kriterji oħra, per eżempju jekk int kuntatt mill-viċin ta' każ magħruf ta' COVID-19. Jekk għandek xi dubju ara li tmur għall-assessjament mediku.

## Tinsiex it-tieni appuntament tiegħek

Hu importanti li int tirċievi żewġ dożi tal-Moderna. Dawn id-dożi jingħataw ġeneralment 4-6 ġimgħat bogħod minn xulxin, imma jistgħu jiġu rrakkomandati intervalli itwal f'ċirkustanzi speċjali. It-tieni doża x'aktarx ser ittawwal kemm iddum il-protezzjoni kontra l-COVID-19.

## Kif ser jintuża t-tagħrif li tagħti fl-appuntament tiegħek

Għal tagħrif dwar kif id-dettalji personali dwarek jinġabru, jinħażnu u jintużaw żur https://www.health.gov.au/using-our-websites/privacy/privacy-notice-for-covid-19-vaccinations